Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 125 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbilità.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fin-negozji bl-ingrossa, bl-imnut u negozji dipendenti minn dawn:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni ma għandhomx japplikaw għal persuni li jaħdmu f'bars, ristoranti, ħwienet tal-kafè, jew ħwienet ġestiti direttament mill-amministrazzjoni ta' lukanda jew każin bħala parti mill-amenitajiet tagħhom, jew li jiġu mikrija b'kuntratt għall-fini tat-titjib ta' dawk l-amenitajiet; u lanqas għall-ħaddiema tal-port jew foremen tal-ħaddiema tal-port:

Iżda wkoll f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-aktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati għal dak iż-żmien bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra; Kap. 252.

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti Kap. 452.

lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ħin doppju" tfisser darbtejn ir-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs tar-rata attwali tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"negozji bl-ingrossa, bl-imnut u negozji anċillari" tfisser negozjanti bl-ingrossa, distributuri, importaturi, esportaturi, aġenti kummissjonanti, kooperativi bl-ingrossa u l-bejgħ fis-suq, bejjiegħa bl-imnut, libreriji ċirkolanti, irkantaturi, parrukkiera, kooperativi ta' konsumaturi u stabbilimenti ta' fotografi;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att, għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni;

L.S. 452.87.

"perjodu ta' mistrieħ" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Ħinijiet ta' xogħol.

3. Il-paga minima li għandha titħallas fil-ġimgħa għandha tkun relatata għal ġimgħa ta' mhux aktar minn erbgħin siegħa (40) xogħol fil-każ tal-ħaddiema whole-time mifruxa fuq sitt (6) ijiem:

Iżda is-sigħat ta' xogħol ta' għassiessa għandhom ikunu relatati għal ġimgħa ta' mhux aktar minn sittin (60) siegħa xogħol mifruxa fuq sitt (6) ijiem.

Il-paga minima ta' impjegati whole-time.

4. (1) Il-paga minima fil-ġimgħa li għandha titħallas lill-impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandha tkun ta' mitejn u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€230.61).

(2) (a) L-għassiesa li d-dmirijiet tagħhom ikunu prinċipalment ġewwa għandhom jitħallsu paga minima fil-ġimgħa ta'

tliet mija u ħamsa u erbgħin euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€345.92); u

(b) L-għassiesa li d-dmirijiet tagħhom ikunu prinċipalment barra għandhom jitħallsu paga minima fil-ġimgħa ta' tliet mija u tmienja u erbgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€348.24).

Allowance tal-uniformi.

5. (1) Meta l-impjegat ikun li jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

Il-ħin minimu ta' mistrieħ kuljum.

6. L-impjegati whole-time għandhom jingħataw intervalli għall-ikel u mistrieħ ta' mhux anqas minn siegħa (1) b'kollox kuljum.

Mistrieħ minimu fil-ġimgħa.
L.S. 452.87.

7. L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Rati minimi ta' sahra.

8. (1) L-impjegati whole-time, għajr għassiesa, għandhom ikunu intitolati għal remunerazzjoni ta' sahra kif ġej:

(a) għas-sigħat kollha ta' xogħol li jkunu aktar mis-sigħat normali ta' xogħol skont l-artikolu 4 ta' dan l-ordni..... ħin u nofs;

(b) għas-sigħat kollha ta' xogħol fil-Ħdud u fil-festi tas-soltu.....ħin doppju;

(ċ) għas-sigħat kollha ta' xogħol f'kull ġimgħa li jeċċedu n-numru ta' sigħat ta' xogħol stipulati fil-kuntratt tas-servizz, li ma jeċċedux erbgħin (40) siegħa, esklużi minn tali numru dawn li ġejjin:

(i) il-ħin kollu mħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu; u

(ii) in-numru ta' sigħat li matulhom l-impjegat ikun bil-vaganzi, leave għal mard jew nieqes minn fuq ix-xogħol bla remunerazzjoni b'massimu ta' seba' (7) sigħat fir-rigward ta' kull ġurnata sħiħa.....
.....ħin u nofs:

Iżda d-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub lill-prinċipal sabiex iħallas sahra lill-impjegati speċifikati jew

lill-gruppi ta' impjegati fir-rigward biss tas-sigħat ta' xogħol li jkunu aktar minn ġimgħa medja tan-numru ta' sigħat ta' xogħol stipulati fil-kuntratt tas-servizz, li ma jkunux aktar minn erbgħin (40) siegħa, kalkolati fuq dak in-numru ta' ġimgħat konsekuttivi kif id-Direttur jidhirlu xieraq u f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu ma japplikawx.

(2) L-għassiesa għandhom ikunu intitolati għal remunerazzjoni ta' sahra kif ġej:

(a) għas-sigħat kollha ta' xogħol minn għassiesa li jkunu akar minn għaxar (10) sigħat kull ġurnata jew li jkunu aktar minn sittin (60) siegħa f'perjodu ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi..... ħin u nofs;

(b) għas-sigħat kollha ta' xogħol minn għassiesa fis-seba' (7) ġurnata, ġurnata ta' mistrieħ..... ..... ħin doppju.

Ħidma fil-Ħdud.

9. (1) L-impjegati li fir-rigward tagħhom japplika dan l-ordni għandhom ikunu meħtieġa jaħdmu l-Ħdud biss jekk ikunu provdew il-kunsens bil-miktub lill-prinċipal li huma ser jaħdmu l-Ħadd.(2) Għandhom ikunu l-impjegati biss li jkunu provdew il-kunsens tagħhom skont dan l-artikolu li għandhom ikunu meħtieġa li jaħdmu il-Ħadd. Dawn l-impjegati għandhom jitħallsu skont l-artikolu 8 ta' dan l-ordni.

(3) L-ebda impjegat ma għandu jkun soġġett għal kwalunkwe żvantaġġ, theddida jew tkeċċija mill-prinċipal minħabba l-fatt illi ma jagħtix jew ma tax il-kunsens tiegħu sabiex jaħdem il-Ħadd skont dan l-artikolu.

(4) Dan l-artikolu ma għandux japplika għal dawk l-impjegati li huma meħtieġa li jaħdmu il-Ħdud skont pre-rekwiżit fil-kuntratt tal-impjieg jew f'dikjarazzjoni bil-miktub skont l-Att jew kwalunkwe leġislazzjoni sussidjarja maħruġa taħt l-Att.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

10. L-impjegat għandu jkun intitolat għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

11. (1) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax (15)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa,

Kap. 318.

nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Kap. 318.

(2) L-impjegat whole-time għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' sitta u tlettin (36) ġurnata oħra leave għal mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għall-mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u l-impjegati part-time għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' assenza jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu ta' tali assenza minħabba fil-leave għal mard;

(ċ) l-impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għal nofs is- Kap. 318.

somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata detrminata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard għandhom japplikaw mill-ewwel jum ta' impjieg:

Iżda l-imsemmi jedd għandu jiġi kkalkulat *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-prinċipal jista' jeħtieġ ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza minħabba fil-leave għall-mard.

(5) Il-jedd ta' leave għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikata fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Tipi ta' leave oħra.

12. L-impjegati għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' leave ieħor li jista', minn żmien għal żmien, jiġi stipulat f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'kwalunkwe regolamenti magħmula taħt l-Att.

L.S. 452.101.

Tħassir u riżervi.
L.S. 452.13.
L.S. 452.63.

13. L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut sabiex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħthom.